# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 874/95**

**Numru 5**

**Godwin Abela ghan-nom tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited"**

**vs**

**Massimo Cappitta f'ismu proprio u ghan-nom tas-socjeta "Giovann Fish Import & Export Limited"**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur noe ghall-kundanna tal-konvenut pro et nomine ghall-hlas tas-somma ta' Lm218.87 (mitejn u tmintax il-lira Maltin u seba u tmenin centezmu) rappresentanti handling charges dovuti lis-socjeta' attrici skond statements mahruga lis-socjeta' konvenuta, liema ammont kien jifforma import ta' cheque Nru. 35 tal-Bank of Valletta Limited favur is-socjeta' attrici,

mahrug mill-konvenut fl-1 ta’ Settembru 1994, li baqa’ mhux onorat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datat 1 ta’ Frar 1995 u bl-imghax legali tat-8% mill-1 ta’ Settembru 1994 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenut pro et noe jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut pro et nomine naqas u ma deherx fit-31 ta' Mejju 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut pro et noe sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm218.87,0 bl-imghax legali mill-20 ta’ Settembru 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-1 ta’ Frar 1995.

Alan Calleja
Deputat Registratur